**26 ta' April, 1993**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Karmenu Mifsud Bonnici *noe et*

*versus*

John Scicluna *noe et*

## L-Istitut ta' Ritrattazzjoni - Validità o Meno ta' Ritrattazzjoni ta' Sentenza Parzjali

*L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wieħed speċjalissimu li jippermetti li kawża tiġi eżaminata għat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni ġudizzjarju fl-istruttura tagħha hija ta' żewġ gradi - prim'istanza u appell - mentri r-ritrattazzjoni tintroduċi t-tielet grad bħala miżura eċċezzjonalissima intiża prinċipalment biex tiġi evitata inġustizzja ċara u pależi, minħabba fatturi li jkunu jew sfuġġew l-eżami ta' l-ewwel istanza jew taż-żewġ istanzi, basta li f'ebda każ dawn il-fatturi ma jkunu dovuti għan-negliġenza proċedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.*

*L-art. 824 Kap. 12 jeskludi assolutament il-possibbilità ta'* ***raba'*** *grad, inkwantu hija eskluża l-possibbilità ta' impunjazzjoni ta' sentenza li tkun iddeċidiet it-talba għar-ritrattazzjoni waqt li l-art. 821 Kap. 12 jippermetti r-ritrattazzjoni, għal aktar minn darba, sakemm ir-raġunijiet jirrikorru* ***wara*** *l-ewwel talba.*

*Qatt ma jista' jiġi enfasizzat biżżejjed li r-ritrattazzjoni hija maħsuba biex kemm jista' jkun raġonevolment u prundenzjalment tiġi*

*evitata dik it-tip jew kwalità ta' inġustizzja li tissejjaħ l-inġustizzja ġuridika ċara u inkontrovertibbli u li għaliha ma kkontribwietx il-vittima bid-dolo jew kolpa tagħha.*

*It-talba għal ritrattazzjoni f'din il-kawża trid, fl-ewwel lok, tħassar sentenza parzjali mogħtija fl-andament ta' proċediment, waqt li l-istess għadu pendenti. Il-kliem tal-liġi jindikaw li din il-kwalità ta' azzjoni mhix ikkontemplata u konsegwentement ma tistax tiġi ammessa. Ir-ritrattazzjoni hija tal-kawża u meta l-kawża għadha qed tiġi ttrattata ma tistax tiġi ritrattata.*

1. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ġiet mitluba tiddikjara li l-arranġamenti li l-konvenuti għamlu biex fit-30 ta' Awissu, 1989, jixxandar programm televiżiv biex jissodisfa l-esiġenzi tal-liġi rigward bilanċ u imparzjalità fil-programmi ta' natura politika, wara l-programm tas-16 ta' Awissu, 1989, li fih is-Segretarju Parlamentari John Dalli ħa parti m'huwiex sodisfaċenti u għalhekk tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, jipprovdu minnufih lill-Opposizzjoni Laburista programm li fih ikun hemm l-istess faċilitajiet li kien hemm fil-programm tas-16 ta' Awissu, 1989;

2. Il-konvenuti, b'nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-24 ta' Awissu, 1989, opponew illi (a) il-ġudizzju mhux integru għaliex l-Awtorità tax-Xandir, mhix parti fil-kawża, u subordinatament, l-istess Awtorità għandha tissejjaħ fil-kawża; (b) fil-mertu, li l-arranġamenti li saru huma adegwati u jassikuraw il-bilanċ u l-imparzjalità li trid il-liġi;

3. L-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju ġiet respinta mill-ewwel Qorti b'sentenza tat-30 ta' Awissu, 1990;

4. Minn din is-sentenza l-konvenut appellaw u fis-7 ta' Settembru, 1990, l-Awtorità tax-Xandir talbet li tintervjeni "*in*

*statu et terminis''*;

5. Fit-30 ta' Ottubru, 1989, din il-Qorti ta' Appell iddeċidiet illi tissoprassjedi għal żmien xahar, sabiex, jekk jidhrilhom, l-atturi jipproponu l-azzjoni approprjata biex jiġi ddikjarat jekk l-Awtorità tax-Xandir hijiex ikkostitwita validament kif trid il-Kostituzzjoni u l-liġi approprjata;

6. Fit-2 ta' April, 1990, peress illi l-atturi ma pproponewx l-azzjoni msemmija u ppretendew li xorta waħda l-kwistjoni tiġi deċiża minn din il-Qorti ta' l-Appell, ingħatat sentenza li stabbiliet li d-digriet ta' soprasessjoni jorbot l-atturi u għalhekk, la ma pproċedewx kif kellhom l-opportunità li jagħmlu, il-punt minnhom issollevat se jiġi kkunsidrat bħala rrinunzjat;

7. Fis-16 ta' Mejju, 1990, din il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-Awtorità tax-Xandir li tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis;*

8. Fil-15 ta' Ottubru, 1990, din il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tat-30 ta' Awissu, 1990, u ddikjarat il-ġudizzju integru;

9. Fl-10 ta' Jannar, 1991, il-konvenuti u l-intervenuta fil-kawża, l-Awtorità tax-Xandir, ippreżentaw petizzjoni biex jitolbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru, 1990, skond l-artikolu 811(i)(k) (I) Kap. 12, jiġifieri (a) fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin (b) ''hija mogħtija fuq dokument li l-parti ma kellhiex il-possibbilità qabel is-sentenza li ġġib din il-prova u allura l-istess sentenza hija riżultat ta' żball għaliex ibbażata fuq prova li l-parti ma setgħetx iġġib 'il quddiem qabel is-sentenza li għalhekk ta lok għas-supposizzjoni ta' fatt li huwa eskluż u għalhekk ta lok għal żball'', (1) li jidher mill-atti

tal-kawża;

10. L-istitut ta' ritrattazzjoni huwa wieħed speċjalissimu li jippermetti li kawża tiġi eżaminata għat-tielet darba. L-organizzazzjoni ta' l-ordni ġudizzjarja fl-istruttura tagħna hija ta' żewġ gradi – prim'istanza u appell – mentri r-ritrattazzjoni tintroduċi t-tielet grad bħala miżura eċċezzjonalissima intiża prinċipalment biex tiġi evitata inġustizzja ċara u pależi, minħabba fatturi li jkunu jew sfuġġew l-eżami ta' l-ewwel istanza jew taż-żewġ istanzi jew li jkunu issopravvenw, basta li f'ebda każ dawn il-fatturi ma jkunu dovuti għan-negliġenza proċedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni;

Il-ġurisprudenza hija konkordi fuq dawn l-aspetti ta' l-istitut u konsegwentement, irriteniet illi l-interpretazzjoni ta' l-artikoli li jirregolawh, għandha tkun ristrettissima;

L-art. 824 Kap. 12 jeskludi assolutament il-possibbilità ta' **raba'** grad, inkwantu hija eskluża l-possibbilità ta' impunjazzjoni ta' sentenza li tkun iddeċidiet it-talba għar-ritrattazzjoni waqt li l-art. 821 Kap. 12 jippermetti r-ritrattazzjoni, għal aktar minn darba, sakemm ir-raġunijiet jirrikorru **wara** l-ewwel talba;

Qatt ma jista' jiġi enfasizzat biżżejjed li r-ritrattazzjoni hija maħsuba biex kemm jista' jkun raġonevolment u prudenzjalment tiġi evitata dik it-tip jew kwalità ta' inġustizzja li tissejjaħ l-inġustizzja ġuridika ċara u inkontrovertibbli u li għaliha ma kkontribwietx il-vittima bid-*dolo* jew kolpa tagħha;

11. Din il-Qorti għandha d-dover primarju ta' ordni pubbliku, li korrettement tenunċja l-prinċipji tal-kwistjonijiet bażilari li għandhom x'jaqsmu ma' l-Organizzazzjoni ta' l-

Amministrazzjoni tal-Ġustizzja minn dawn il-Qrati u li għandhom jiġu dejjem imħarsa minn din il-Qorti. Għalhekk huwa obbligu ċar u manifest ta' din il-Qorti li teżamina l-proposizzjoni jekk hijiex ammessa l-azzjoni ta' ritrattazzjoni fil-Qorti ta' l-Appell kontra sentenza **parzjali** ta' din il-Qorti, jiġifieri kontra sentenza li min-natura tagħha ma hijiex **terminali**, li mhix konkluživa ta' l-azzjoni, u wisq anqas hija perentorja tagħha, imma hija waħda ta' natura transitorja fis-sens illi hija soluzzjoni ta' natura preliminari fl-*iter* sħiħ u komplet tal-kawża;

12. Biex tespleta l-funzjoni essenzjali tagħha ta' garanti ta' l-organizzazzjoni u l-effikaċja ta' l-istruttura ta' l-ordinament ġuridiku tagħna biex jiġi mħares l-element koerċittiv fejn l-Istat ħoloq il-makkaniżmu neċessarju għal dan, din il-Qorti għandha d-dover li teżamina, f'dan l-appell, il-kwistjoni jekk fl-ordinament tagħna hijiex konċessa **din l-azzjoni** ta' ritrattazzjoni li qed tiġi eżerċitata mill-konvenuti u mill-kjamata in kawża;

Din it-talba għar-ritrattazzjoni trid, fl-ewwel lok, tħassar **sentenza parzjali** mogħtija fl-andament ta' proċediment, waqt li l-istess għadu pendenti;

Il-kliem tal-liġi jindikaw li din il-kwalità ta' azzjoni mhix ikkontemplata u konsegwentement ma tistax tiġi ammessa;

L-artikolu 811 Kap. 12 jgħid:

"**Kawża** deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell, tista', ..... tiġi ritratta, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza..." ;

Fil-każ preżenti s-sentenza ta' din il-Qorti, li trid tiġi qabel xejn imħassra, ma ddeċidietx, il-kawża – jiġifieri ma ddefinitiex il-kawża – u r-ritrattazzjoni loġikament tippresumi definizzjoni ta' kawża biex din il-kawża tiġi ritrattata. **Dak li ġie deċiż hija eċċezzjoni fil-kawża u mhux il-kawża.** Kien, naturalment, ikun mod ieħor kieku ġiet deċiża eċċezzjoni u anki l-kawża. Hemm distinzjoni proċedurali fundamentali bejn deċiżjoni ta' eċċezzjoni imma mhux tal-kawża, u deċiżjoni ta' eċċezzjoni u anki tal-kawża. Ir-ritrattazzjoni hija tal-kawża u meta l-kawża għadha qed tiġi ttrattata ma tistax tiġi ritrattata;

**L-azzjoni pretiża għar-ritrattazzjoni, difatti, issib ostakolu tekniku li jillustra l-omoġeneità funzjonali tal-mekkaniżmu proċedurali;**

Wara s-sentenza ta' din il-Qorti, li trid qabel xejn titħassar, l-atti tal-kawża jinsabu quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla u meta l-konvenuti u l-kjamata in kawża, ippreżentaw il-petizzjoni tagħhom ta' l-10 ta' Jannar, l-istess petizzjoni saret quddiem din il-Qorti f'kawża li mhix quddiemha, **billi l-atti tagħha qegħdin quddiem Qorti oħra** u ma nġiebet ebda raġuni ġuridikament valida għaliex din il-Qorti għandha tinvesti l-kompetenza ta' dik il-Qorti li quddiemha qiegħda l-kawża u l-atti ta' l-istess, mingħajr il-konoxxenza legali ta' dik il-Qorti;

13. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiddikjara li l-petizzjoni tal-Korporazzjoni Telemalta, ta' Xandir Malta u ta' l-Awtorità tax-Xandir – kif rappreżentati mill-persuni fiżiċi hemm indikati – ta' l-10 ta' Jannar, 1991, hija irrita u nulla bl-ispejjeż kontra tagħhom.